*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,678, 13 ta' Novembru, 1992*
*Taqsima C*

# Nru. 24

13. 11. 92

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Michael Falzon, M.P., Ministru għall-Ambjent, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tal-11 ta' Novembru, 1992.

**ATT li jemenda l-Att biex jipprovdi għall-ippjanar u tmexxija ta' l-iżvilupp, għat-twaqqif ta' Awtorità b'setgħat għal hekk u ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu magħhom jew li huma anċillari għalihom.**

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Michael Falzon, M.P., Minister for the Environment, and read the First time at the Sitting of the 11th November, 1992.

**AN ACT to amend the Act to make provision for the planning and management of development, for the establishment of an authority with powers to that effect and for matters connected therewith or ancillary thereto.**

RICHARD J. CAUCHI
*Clerk to the House of Representatives*

## ABBOZZ TA' LIĠI

### msejjaħ

*ATT li jemenda l-Att biex jipprovdi għall-ippjanar u tmexxija ta' l-iżvilupp, għat-twaqqif ta' Awtorità b'setgħat għal hekk u ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu magħhom jew li huma anċillari għalihom.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1992 li jemenda l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

Att Nru. I ta' l-1992.

(2) Dan l-Att għandu jitqies li beda jseħħ fit-28 ta' Ottubru, 1992.

**2.** Minflok il-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

"(b) membru jew uffiċjal jew impjegat ta' aġenzija tal-Gvern, iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu membru tal-korp akkademiku ta' l-Università ma għandux jitqies bħala membru jew uffiċjal jew impjegat ta' aġenzija tal-Gvern,".

---

### Għanijiet u Raġunijiet

L-għan ta' l-Abbozz hu sabiex joħroġ b'mod ċar id-dispożizzjonijiet li jolqtu l-kwalifiki ta' persuni li jistgħu jinħatru fl-Awtorità ta' l-Ippjanar.

## A BILL
### entitled

*AN ACT to amend the Act to make provision for the planning and management of development, for the establishment of an authority with power to that effect and for matters connected therewith or ancillary thereto.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title and commencement.

**1.** (1) This Act may be cited as the Development Planning (Amendment) Act, 1992, and shall be read and construed as one with the Development Planning Act, 1992, hereinafter referred to as "the principal Act".

Act No. I of 1992.

(2) This Act shall be deemed to have come into force on 28th October, 1992.

Amendment of section 3 of the principal Act.

**2.** For paragraph (b) of subsection (5) of section 3 of the principal Act there shall be substituted the following:

"(b) a member, officer or servant of any agency of the Government, provided that for the purposes of this paragraph a member of the academic staff of the University shall not be deemed to be a member, officer or servant of an agency of the Government,".

---

## Objects and Reasons

The purpose of the Bill is to clarify the provisions dealing with the qualifications of persons who may be appointed to the Planning Authority.